# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Jannar 2025

Ħarġa Nru 45



Ħbieb
il-Kappelli
Maltin

***PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta***
*e-mail:* ***hbiebkappellimaltin@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORJAL

**Kumitat 2024-2025**

**President**

Rita Buhagiar

**Viċi-President**

Miriam Schembri

**Segretarju**

Adrian Schinas

**Teżorier**

Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**

Norbert Gingell

**Korrispondenza**

RoseAnn Mamo

**Amministratur Facebook**

Owen Caruana

**Membru**

Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Il-faċċata tal-Oratorju ta' San Ġużepp, il-Birgu

Ritratt: Norbert Gingell

Għeżież Membri u Ħbieb,

Bdejna sena ġdida, il-25 waħda wara l-millenju ġdid. Bil-quddiem nawguralkom sena ġdida mimlija risq, hena, kuntentizza u fost kollox saħħa.

F'dan l-ewwel xahar se nżuru l-lokalità tal-Gudja fejn ukoll isservina biex intellgħu l-Laqgħa Ġenerali Annwali. F'din il-Laqgħa il-Kumitat permezz tal-President, li tmexxi l-laqgħa fejn tiftaħ il-laqgħa bl-indirizz tagħha kif ukoll tagħlaq il-laqgħa, is-Segretarju u l-Kaxxier jagħtukom rendikont dettaljat ta' x'ġie organizzat, x'hemm ippjanat, l-laqgħat tal-Kumitat, kif ukoll rendikont tal-finanzi, kemm tad-dħul kif ukoll tal-infieq.

L-2025 se tkun it-tieni sena ta' dan il-Kumitat fejn fis-sena 2026 jintemlu l-perjodu tal-kariga u jkun jinħtieġ li jiġi ffurmat Kumitat ġdid, dejjem jekk ikun hemm il-ħtieġa skont l-Istatut. Hawnhekk nieħu l-okkazzjoni sabiex dawk li huma interessati li jkunu parti mill-Kumitat juru l-interess tagħhom ħalli dejjem jkun hemm demm ġdid fil-kumitat u b'hekk ikun hemm tiġdid kemm fl-ideat, fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet, kif ukoll fit-tmexxija.

Aktar tagħrif dwar il-kappelli li se nżuru fil-Gudja wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali, issibuhom fiċ-ċirkolari li tirċievu flimkien ma' dan il-Fuljett.

Narawkom

*Għal Kumitat*

*N. Gingell*



Membri tal-Għaqda jisimgħu lil George Aguis jitkellem dwar l-istorja tal-knisja ta Sant'Anna fil-monasteru ta' Santa Skolastika.

# Monasteru Santa Skolastika u l-Knisja ta' Sant'Anna, il-Birgu



Il-faċċata tal-Knisja ta' Sant' Anna

L-Isqof Valguarnera kien beda Monasteru fl-Imdina f'Sinagoga li kellhom il-Lhud qabel ma' dawn kienu ġew mkeċċija minn Malta fl-1492. Il-Monasteru kien magħruf bħala '*abbatia nouva*' Fi żmien l-Isqof Royas iż-żewġ kommunitajiet kienu jgħixu flimkien fil-Monasteru ta' San Pietru. Fl-1604 l-'*abbatia nouva*' ġiet trasferita għal Birgu fil-bini tas-sorijiet ta' Sant' Ursola billi dawn kienu marru fil-Monasteru l-ġdid tagħhom fil-Belt Valletta.

Din il-knisja, iddedikata lil Sant' Anna, tifforma parti mill-Monasteru tas-Sorijiet Benedittini magħruf bħala ta' Santa Skolastika. Dawn is-sorijiet kienu oriġinaljament stazzjonati fl-Imdina, imma meta l-Ordni ta' San Gwann imxiet ghal Belt il-gdida ta' Valletta, dawn is-sorijiet fl-1652 marru l-Birgu fejn gew mogħtija l-binja li kienet isservi lil Ordni bħala l-isptar '*Sacra Infermeria*', biex sar l-Monasteru tagħhom. Biex inbena dan l-isptar kien tqatta' l-ġebel mill-post stess u l-ħofra ġiet trasformata bħala ġibjun għall-ilma. Il-bini kien għall-ewwel f'sular wieħed imma fl-1538 żdid sular ieħor. Madankollu dan l-isptar ma' kienx felaħ biex jakkomoda n-numru kbir ta' feruti fl-Assedju l-Kbir. Il-binja fiha stili differenti ta' arkitettura: dik Medjuvali tardiv, Rinaxximentali u Barokk. Il-knisja ta' Sant' Anna, kienet mibnija fis-seklu 17 fuq id-disinn



It-titular ta' Sant'Anna mal-Familja Mqaddsa, San Benedittu u Santa Skolastika



L-artal maġġur tal-Knisja ta' Sant Anna fil-kunvent ta' Santa Skolastika

tal-perit famuż Malti, Lorenzo Gafà. L-isqof Jerónimo de Molina bierek l-ewwel ġebla fis-7 ta' Mejju 1679 waqt li l-Vigarju Generali Ludovico Famucelli fetaħ l-knisja fl-14 ta' Lulju 1680. Il-kampnar ġie miżjud fl-1694 waqt li l-presbiterju fis-sena 1748. L-Isqof Vincenzo Labini kkonsagrat l-knisja fid-29 ta' Settembru 1787.



Tieqa tal-ħadid għas-sorijiet tal-klawsura

Il-faċċata hija maqsuma fi tliet partijiet fejn fin-nofs kien hemm il-bieb ewlieni li kont tidħol għalih minn zuntier li kellu t-taraġ. Imma dan tneħħa fis-seklu 19. Id-disinn originali tal-knisja kien ġie mħassar mill-Franċiżi meta tliet emblemi kienu mħassra. Dak iż-żmien is-sorijiet kienu ordnati biex jitilqgħu għall-Imdina. Gafà kien inkorpora ħames twieqi fid-disinn tieghu, kollha imbarrati bil-ħadid, tipikament ta' monasteru tal-klawsura.



L-artal maġġur tal-Knisja ta' Sant Anna fil-kunvent ta' Santa Skolastika

Il-knisja minn ġewwa hija purament Barokka, fiha tliet altari u msaqqfa b'koppla. Ir-reredos madwar l-altar ewlieni fihom pilastri Korinti u kompożizzjoni ta' angli. It-tliet twieqi wara l-altar ewlieni jgħatu għal kor.

Il-kwadru titulari huwa xogħol Mattia Preti, li juri lil Sant'Anna, il-Familja Mqaddsa, San Benedettu u Santa Skolastika. Il-kwadri laterali huma ta' San Mikiel, xoghol Rokku Buhagiar, u l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Ġian Nikola Buhagiar. Wieħed isib ukoll fuq l-altari xogħolijiet ta' Ġiuseppe Cali, dik tal-Duluri u ta' San Guzepp.

Matul l-ħbit qalil bil-bombi li kienet issofri l-Kottonera matul it-Tieni Gwerra Dinjija, is-sorijiet kienu marru l-Imdina għall-kenn.

Fil-knisja wiehed jara ukoll ir-relikwija ta' Santa Veneranda, martri, li nġagħbet minn Ruma fl-1728.

*Kitba : N Gingell*

*Informazzjoni miġbura minn diversi sorsi u Wikipedia*

*Ritratti: N Gingell, Mario Micallef*

# Oratorju tal-Kurċifiss, il-Birgu



Il-faċċata tal-Oratorju tal-Kurċifiss

Skont l-istoriku Gregory Gauci, fil-Birgu kien hemm 38 bejn knejjes , kappelli u oratorji, u hemm ħafna oħrajn li m'għadhomx jeżistu minħabba xi raġuni jew oħra. Fl-antik, il-Fratellanzi kienu popolari ħafna f'kull belt u raħal madwar Malta u Għawdex. Dawn għaliex barra laqgħat ta' talb, kienu jagħmlu ħidma ta' appostolat reliġjuż, kif ukoll ta' għajnuna lil ħafna familji fil-bżonn.

Waħda minn dawn il-fratellanzi importanti ġewwa l-Birgu kienet dik tal-Kurċifiss. Mill-bidu kienet tieħu ħsieb il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll attivitajiet konnessi magħha. Ilha mwaqqfa sa mis-7 ta' Jannar 1718 b'digriet *Concedimus Taxta* fejn dan ta d-dritt lil Fratellanza li torganizza l-purcissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

L-ewwel attività tagħha bdiet fit-18 ta' Mejju ta' dik is-sena.

Xi sentejn wara l-investitura tal-fratelli, jidher li ħadet spinta l-quddiem sew. Żdiedu l-membri, u kien għalhekk li kien hemm il-ħtieġa li jieħdu ħsieb jibnu dan l-orotorju. Sa dan iż-żmien dawn kienu jinqdew mill-artal tal-kurċifiss, liema kurċifiss kien inġieb minn Kandja.

Il-post fejn inbena dan l-orotorju kien ċimiterju fejn bejn 1551 u l-Assedju l-Kbir indifnu l-vittmi ta' l-invażjoni tat-Torok. F'din il-pjazzetta, li kienet tissejjaħ



Ħarsa lejn ġewwa tal-Oratorju



Il-Kurċifiss li qiegħed fl-Oratorju

*Ras il–knejjes,* inbena dan l-orotorju kif ukoll dak ta' San Ġużepp. Inbena fi żmien l-Gran Mastru Zondadari. L-ewwel ġebla tqiegħdet nhar it-18 ta' Diċembru 1720, imbierak mill-istess kappillan tal-Birgu, Dun Carlo Cologna. Pietro Tabone kien l-ewwel rettur tal-Konfraternita tal-Kurċifiss.

L-Orotorju hu mibni fuq ix-xellug tal-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz u għandu forma rettangolari, bi stil doriku, b'saqaf troll fin-nofs tond. Fuq kull ħajt laterali insibu set ta' tliet twieqi kbar biex jagħtu d-dawl. L-artal maġġur sabiħ hu mibni fuq żewġ tarġiet. Fuqu insibu bħal niċċa li fiha hemm il-kurċifiss, b'San Ġwann u l-Madonna fuq kull naħa, b'Maria Maddalena gharkupptejha imqabbda mas-salib. F'dan l-Orotorju jinżammu l-istatwi kollha li jinħarġu fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

L-istatwa tal-Kurċifiss hija l-aktar impressjonanti mill-grupp kollu tal-istatwi. Inħadem fis-seklu 18 u attribwit għal Saverio Laferla, pijunier tal-*papier-mache*. Dan il-kurċifiss serva bħala mudell għal ħafna kurċifissi oħra li ġew kkummissjonati għal ħafna knejjes oħra f'Malta. Fl-1869 il-Kanonku Lorenzo Callejja kien żebgħu mill-ġdid u għamel biċċa xogħol sew. Imma l-istatwi tal-Madonna ta' San Ġwann u tal-Maddalena huma tas-seklu 17 ta' oriġini Spanjola. Dawn għadhom fl-istat oriġinali tagħhom.



Ġesù fl-Ort tal-Ġesemani



Ġesù fflaġellat



Ġesù jaqa' bis-salib



Ġesù mżebblaħ

Mad-dawra tal-Orotorju wieħed jara set ta' erbgħa pitturi f'gwarniċ tal-ġebel skolpit li juru azzjonijiet mill-passjoni ta' Sidna Ġesu Kristu.

Il-faċċata tal-Orotorju kienet nbniet mill-ġdid fl-1950 wara li ġġarrfet fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Kitba: Louis Fenech

*Informazzjoni miġbura u misluta minn diversi sorsi.*

Ritratti N Gingell

# L-Orotorju tal-Fratellanza ta' San Ġużepp u l-Knisja ta' Santa Marija Damaxxena, il-Birgu

Biswit il-knisja parrokkjali tal-Birgu, insibu l-mużew tal-Knisja parrokjali, li qabel kien l-Oratorju tal-Fratellanza ta' San Ġużepp. Ħdejn dan il-mużew hemm il-kappella ta' Santa Marija Damaxxena. Din kienet isservi ta' knisja parrokkjali għal dawk in-nies li kienu ġew Malta minn Rodi mal-Kavallieri wara li dawn tal-aħħar kienu tkeċċew minn hemm minn Sulejman fl-1522. Tissejjaħ il-Knisja tal-Griegi, peress illi fiha kien jitqaddes il-quddies bir-rit Grieg mill-papas tal-Griegi.



Daħla għal kappella mill-Orotorju ta San Ġużepp

Hu kkalkulat li mal-kavallieri ġew mal-4,000 ruħ f'Malta, li madwar 64 familja minnhom kienu minn Rodi. Dawn in-nies kollha kienu Nsara, bid-differenza li kienu jipprattikaw il-funzjonijiet reliġjużi tagħhom bir-rit Grieg.




Faċċata tal-kappella ta' Santa Maria Damaxxena

Malli waslu Malta dawn ir-Rodjani, Mons. Dusina, ħa ħsieb biex dawn ikunu jistgħu jipprattikaw is-sagramenti. B'arranġament mal-Isqof ta' Malta, ta lil dawn in-nies minn Rodi waħda miż-żewġ kappelli li kien hemm ħdejn il-knisja ta' San Lawrenz, dik ta' Santa Katarina, li l-Griegi bdew isejħulha ta' Santa Marija Damaxxena. Tahom ukoll żewġ knejjes oħra fil-Birgu li kienu dik ta' San Ġorġ u dik ta' San Nikola.

Fl-1575, Mons. Dusina qassam il-limiti lil kull parroċċa fuq l-għadd ta' familji Rodiani, hekk li dik ta' Santa Marija Damaxxena, stabbilixxa 24 familja, San Ġorġ 21 u San Nikola 19.



Madonna ta’ Damaxxena

Meta l-Ordni marret fil-Belt Valletta, baqgħet biss parroċċa waħda, din il-knisja ta’ Santa Marija, billi kien baqa’ biss ftit nies Rodjani fil-Birgu.

F’Rodi kienu jeżistu żewġ knejjes ġuspatronati, waħda ta’ *Santa Marija de Damascheni*, li kienet tiġi ġewwa l-belt maġenb il-posta ta’ Spanja, u l-oħra *de Elemonitria*, barra l-belt, maġenb il-posta tal-Ingilterra. Meta Rodi waqgħet taħt idejn il-Misilmin, il-patruni ta’ dawn il-knejjes xejn ma ħabblu rashom għall-ġid li kellhom f’Rodi, imma ħasbu biss li jsalvaw minn taħt idejn il-Misilmin minn dawn iż-żewġ knejjes żewġ xbihat, u jeħduhom fuq ix-xini l-kbir tal-Kavallieri.

L-Ordni wara t-tkeċċija baqgħet tiġġerra mal-Mediterran, sakemm Karlu V tahom il-gżejjer ta’ Malta, b’dawn in-nies minn Rodi u l-kwadri li ġarrew magħhom baqgħu fuq ix-xwieni tal-Kavallieri. Meta waslu Malta, fit-28 ta’ Ġunju 1554, il-Kappillan tal-Birgu Dun Anton Vassallo ċeda l-knisja ta’ Santa Katarina, li kienet filjali tal-parroċċa, lill-Papas Giovanni Pastrino bi dritt li jeżerċita s-Sagramenti fiha.

Il-Gran Mastru L’Isle Adam, ta l-ordni li dawn iż-żewġ ikoni jitqiegħdu fil-knejjes ta’ Sant’ Anton u Santa Katarina fejn tqiegħdet l-ikona tal-Madonna Damaxxena. Din l-ikona tixbah ħafna lix-xbieha tal-Madonna ta’ Vladimir li nsibu fir-Russja u li aktarx li tpittret f’Kostantinopli fis-seklu tnax. Il-Papas Giorgio Diasorno li beda jieħu ħsieb dan it-tempju, biddel it-titular u neħħa dak ta’ Santa Katarina, hekk li din il-knisja bdiet tissejjaħ bħala l-Knisja ta’ Santa Marija Damaxxena.

Hija knisja żgħira ħafna u kellha knisja oħra ħdejha, li kienet ikbar minnha, iddedikata lil Viżitazzjoni. Din kienet mibnija fejn illum hemm il-mużew tal-parroċċa, l-Oratorju ta’ San Ġużepp. Din il-knisja kienet akbar minn dik ta’ Santa Marija Damaxxena, iżda billi kienet ġuspatronat,



L-ikona tal-Madonna


Il-kappell u x-xabla tal-Gran Mastru La Valette

dawn in-nies minn Rodi. Għalhekk dawn kellhom jinqdew b'dik li llum għadna nafuha wkoll bħala l-Knisja ta' Santa Marija tal-Griegi. Maż-żmien il-knisja tal-Viżitazzjoni ġġarfet u minn flokha nbniet oħra, kif jidher illum l-Oratorju, filwaqt li tad-Damaxxena baqgħet imgħaqqda magħha bħala kappella, mingħajr ma ġiet mimsusa xejn.

Fit-28 ta' Ġunju 1554 f'kuntratt bejn il-Papas Giovanni Pastrino u l-kappillan tal-Birgu, Dun Anton Vassallo, il-Papas intrabat li jħallas bħala ċens 32 tari, li baqa' jitħallas sal-1575 meta Mons. Dusina wera l-għadab għal dan il-ftehim biddel dan il-ħaraġ f'żewġ xemgħat li jiswew irbigħi, li kellhom jinxtegħlu waqt il-quddiesa nhar Santa Katarina.

F'niċċa fil-ħajt fil-knisja nsibu l-kappell u x-xabla li l-Gran Mastru de Valette libes waqt l-Assedju l-Kbir. Dan ħalliehom hemm lill-Madonna bħala ringrazzjament għar-rebħ ta' dan l-Assedju.

Meta l-Kavallieri telqu mill-Birgu u marru jabitaw fil-belt Valletta, ħafna minn dawn in-nies minn Rodi marru joqogħdu huma wkoll fil-Belt mal-Kavallieri u għalhekk ħtieġilhom li jibnu knisja oħra għall-użu tagħhom għall-funzjonijiet bir-rit Grieg. Din ukoll ġiet imsejħa l-knisja ta' Damaxxena. Fl-1587 l-ikona li kien hemm fil-Knisja ta' Damaxxena fil-Birgu ttieħdet fil-knisja l-ġdida fil-Belt mill-Gran Mastru Verdalle, b'din il-kappella xorta waħda baqgħet għall-użu tal-Griegi sas-sena 1780. Aktar tard saret ikona oħra għal din il-Kappella minn dawn in-nies ta' Rodi biex titħalla f'din il-knisja fejn għadha hemm sal-ġurnata tal-lum.


Il-Mulej ibierek il-Familja Mqaddsa

Fl-24 ta' Frar 1832, il-Fratellanza ta' San Ġużepp xtrat il-knisja ta' Damaxxena u l-oħra tal-Viżitazzjoni u wara bniet l-Oratorju li naraw illum, waqt li kkonservat il-kappella tal-Madonna ta' Damaxena. Dan il-post kien iservi għal laqgħat ta' talb ta' waħda mill-eqdem Konfraternitajiet jew Fratellanzi fil-gżira, li l-imsieħba tagħha kienu l-biċċa kbira mastrudaxxi jew ħaddiema oħra.

Fil-kappella għad hemm ukoll l-artal oriġinali tagħha u mal-faċċata tal-kwadru titulari hemm skultura ta' żewġ anġli li qed iżommu l-kwadru tal-Madonna tal-Griegi. F'din il-kappella hemm ukoll is-salib li kien tal-Inkwiżitur ta' Malta, sopra leġiju aħdar, għotja tal-Gran Mastru Manoel Pinto, pittura artistika ta' San Ġirolmu, u pittura oħra fuq l-injam li hi xogħol Taljan u li aktarx tmur għas-seklu sittax.

Illum dan is-sit jagħmel parti mill-mużew parrokjali li jinżamm b'kura kbira min-nies tal-Birgu.



L-artal ewlieni tal-ikona

Kitba ta' Joseph Brincat

*Informazzjoni meħuda f'forma mqassra*

*mis-sit Kappellimaltin.com*

*Ritratti N Gingell, Mario Micallef*



Titular Onorarju ta' San Ġużepp ma' Ġesù tfajjel



San Ġilormu